MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 49/2012

**GO p.l.c. [C-22334]**

**vs**

**Ann-Adeola KELLY [ID. Nru. 52382A]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-30 ta' Jannar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimata, tas-somma ta' elf disa mija disgha u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€1,979.59] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf disa' mija disgha u sebghin euro disgha u hamsin centezmu (€1,979.59), skont il-prospett hawn anness u markat Dok. A, liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' telekomunikazzjoni, numru tal-kont A/C40101873, moghtija mis-socjeta attrici u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mill-24 ta' Settembru 2009, kontra l-konvenuta, li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar is-17 ta' Settembru, 2012, nhar is-16 ta' Ottubru, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar is-16 ta' Ottubru, 2012 u l-fatt li l-intimata naqset li tidher illum sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf disa mija disgha u sebghin euro u disgha u hamsin centezmi ta' euro [€1,979.59], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimata fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------